MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2009

Avviz Numru. 196/2005

**Francis Busuttil & Sons Marketing Limited**

**Vs**

**Jesmond u Rita Sant**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jkunu kkundannati li jhallsu lill-istanti is-somma ta' elfejn u mitejn lira u ghaxar centezmi (Lm2200.10) ammont dovut ghall-merkanzija ordnata u konsenjata fil-gestjoni Save & Smile Discount Store.

Bl-ispejjes u interessi mid-data tan-notifika tal-avviz kontra l-konvenuti nkluzi ta' Lm23 ta' spejjes legali maghmula mill-atturi liema konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijet tal-konvenut wahdu (fol 10 tal-isess atti) u li biha eccpixxa bir-rispett:

1. Illi l-konvenuti odjerni ghaddejjin prezentement proceduri ta' separazzjoni personali liema proceduri jinsabu quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja).
2. Illi hemm kontestazzjoni minn naha tal-konvenuta Rita Sant fil-procedura ghas-separazzjoni personali li dawk l-ammonti huma dovuti minnha izda biss bir-ragel taghha il-konvenut l-iehor.
3. Illi minghajr pregudizzju u fil-meritu, jekk jigi deciz li dawn l-ammonti mitluba fl-avviz de quo huma dovuti, semmai ghandhom jigu mhallsa nofs f'nofs bejn il-konvenuti stante li bejniethom kien u ghad hemm vigenti il-komunjoni tal-akkwisti.
4. Illi ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni illi tidhol fi kwistjonijiet ta' komunjoni tal-akkwisti izda l-gurisdizzjoni taghha hija limitata biss jekk dan l-ammont mitlub fl-avviz huwiex dovut jew le.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kolha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 32 tal-istess atti.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuta, avolja notifikata, bl-ebda mod ma kkontestat it-talba attrici (ara kif ukoll fol 27 'a tergo').

Illi, in rigward il-konvenut, dan ma presenta l-ebda prova, sallum, in sostenn tal-eccezzjonijiet sottomessi minnu.

Dwar l-istess eccezzjonijiet, l-istess Qorti ma tarax fuq liema bazi legali tista' tigi akolta xi wahda mill-istess eccezzjonijiet stante li l-eccezzonijiet kollha kif proposti, jirreferu ghar-relazzjoni kemm legali kemm fuq bazi ta' fatt, bejn il-konvenuti, biss.

Ikkunsidrat

Illi Anton Dalli xehed illum stess fl-istess seduta u kkonferma illi l-ammont mitub fl-avviz ghadu dovut sallum mill-konvenuti (ara ukoll l-anness 'statement" esebit illum stess minnn dan ix-xhud).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2200.10 ossija €5124.85 bl-imghax legali, in rigward Jesmond Sant mill-25 ta' April 2005 u in rigward Rita Sant mid-29 ta' Ottubru 2008 dejjem sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi Lm23 ossija €53.58 bhala spejjes legali gja inkorsi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------